MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1002/2010

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Graziella Apap (Id 193784M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba` mija, wiehed u tletin ewro u erbghin centezmu (€431.40) minghand il-konvenuta, rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut minnha ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilha fuq kuntratt bin-numru 404156 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u 2009. Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2009, u dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta gie debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' erba` mija, wiehed u tletin ewro u erbghin centezmu (€431.40) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------